VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,280, 15 ta' Lulju, 2014
Taqsima B

A.L. 253 tal-2014

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2014 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Għasafar tal-Għana)

BIS-SAĦĦA tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 61, 66 u 93 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Għasafar tal-Għana).

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex jiġi stabbilit qafas biex tiġi permessa deroga li tiftaħ l-istaġun għall-insib tal-Għasafar tal-Għana skont ir-regolament 9(1)(f) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi". L.S. 504.71

Tifsir.

2. (1) Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir bħal dak mogħti fir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (1), f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"għasfur tal-għana" jew "għasafar tal-għana" tfisser l-għasafar li jappartjenu lill-ispeċi mniżżla fl-Iskeda I;

"għasfur tat-taħrik jew għajat" jew "għasafar tat-taħrik jew għajat" tfisser kull għasfur tal-għana imniżżel fl-Iskeda I u, jew ibridi li jintuża mill-persuna li għandha l-liċenza għall-għajat, inklużi dawk għat-taħrik;

"ibridu" jew "ibridi" tfisser kwalunke tnissil minn żewġ għasafar tal-għana mill-familja tal-*Fringillidae* jew bejn wieħed mill-ispeċi minn din il-familja u l-kanarin domestiku (*Serinus canaria domestica*);

"insib" għandha l-istess tifsira tal-kliem "tieħu" u "teħid" skont kif stabbilit fir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi;

"liċenza għall-insib fil-Ħarifa għall-għasafar tal-għana" tfisser liċenza maħruġa skont ir-regolament 5 u għandha, għall-finijiet tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, l-istess tifsira tal-kelma "liċenza";

"persuna bil-liċenza" tfisser persuna naturali li għandha 18-il sena jew aktar u li għandha liċenzja għall-insib fil-Ħarifa valida maħruġa skont dawn ir-regolamenti;

"sit minn fejn isir l-insib" jew "sit" ifisser dik iż-żona mmarkata b'mod ċar fuq mappa approvata mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi skont ir-regolament 5(4) ta' dawn ir-regolamenti u reġistrata mal-Kummissajru tal-Pulizija u li m'għandhiex aktar minn żewġ (2) stazzjonijiet minn fejn isir l-insib għal kull liċenza;

"staġun għall-insib tal-għasafar tal-għana fil-Ħarifa" tfisser il-perjodu li fih huwa permess l-insib għall-għasafar tal-għana matul staġun tal-Ħarifa li jista' jiġi stabbilit skont id-disposizzjonijiet tar-regolament 4;

"stazzjon minn fejn isir l-insib" tfisser il-periferija ġewwa s-sit tal-insib li tikkonsisti f'mhux aktar minn żewġ imnasab minn dura waħda, b'kull xibka ta' daqs ta' mhux aktar minn 38 metru kwadru, u l-istazzjon minn fejn isir l-insib jista' jkun reġistrat fuq persuna waħda jew aktar li jkollha l-liċenzja, u ż-żewġ imnasab ikunu immarkati individwalment fuq il-mappa approvata;

"żona protetta" jew "żoni protetti" tfisser żoni fejn l-insib huwa pprojbit skont ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi; iż-żoni fi ħdan siti tan-Natura 2000 li għandhom l-ambjenti naturali bil-kodiċi 1150, 1210, 1240, 1310, 1410, 1420, 1510, 2110, 2210, 2220, 3140, 3170, 5230, 5330, 5410, 5420, 5430, 6220, 8210, 92A0, 92D0, 9320,
L.S. 504.73 9340, 9540 u 9570 skont kif jinsabu fl-Iskeda I tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali; u, żoni 'l barra mis-siti tan-Natura 2000 li fihom abitati naturali, inkluż f'Żoni ta' Importanza Ekoloġika u Siti ta' Importanza Xjentifika skedati bħala Livell 1 u Livell 2, iżda din il-projbizzjoni m'għandhiex tapplika għal art agrikola u kkultivata fi ħdan iż-żoni msemmija hawn fuq u li hija rreġistrata uffiċjalment mad-Dipartiment tal-Agrikoltura qabel l-aħħar ta' Lulju 2014; iżda ukoll l-ebda insib ma jista' jsir fuq siti li ma ġewx reġistrati mal-Kummissarju tal-Pulizija qabel l-aħħar ta' Diċembru 2012 jew li m'humiex identifikabbli bħala sit tal-insib fuq ir-ritratti mill-ajru ppubblikati qabel l-aħħar ta' Diċembru 2012; iżda

VERŻJONI ELETTRONIKA

ukoll l-eżenzjoni għall-art agrikola rreġistrata m'għandhiex tapplika għal dawk iż-żoni fejn l-insib huwa pprojbit skont ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi.

Mod tat-teħid.

3. (1) L-għasafar tal-għana jistgħu jinqabdu intenzjonalment bi xbieki tradizzjonali magħrufin bħala *clap-nets* bil-għan esklużiv li jinżammu għat-trobbija, inkluż l-użu tagħhom fil-fieri u eżibizzjonijiet, għat-tnissil u, jew biex jintużaw bħala għasafar għall-għajat u taħrik skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda x-xbieki msemmija f'dan is-subregolament għandhom jikkonsistu f'żewġ xibkiet paralleli mifruxa ċatti mal-art li jaqbdu l-għasafar billi jinqelbu fuq xulxin mal-art, u li jiġu kkargati, meqluba u mrodda lura biss mill-bniedem mingħajr l-użu ta' mezzi ta' saħħa esterna, inklużi mezzi elettriċi, elettroniċi, jew mekkaniċi, u l-ikbar daqs ta' kull xibka m'għandu f'ebda każ jaqbeż it-38 metri kwadri.

(2) Immedjatament kif jinqabad għasfur tal-għana, il-persuna bil-liċenza għandha tqiegħed ċurkett li jintuża darba biss fuq l-għasfur kif approvat għal dak l-iskop mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

(3) Meta l-persuna bil-liċenza jkollha fil-pussess tagħha liċenza għall-insib fil-Ħarifa għall-għasafar tal-għana maħruġa skont dawn ir-regolamenti, dik il-persuna bil-liċenza tista' tuża xbieki li jkollhom malju ta' mhux inqas minn 18mm:

Iżda jekk dik il-persuna li għandha l-liċenza qegħda fil-pussess kemm tal-liċenza maħruġa skont dawn ir-regolamenti kif ukoll tal-liċenza maħruġa skont ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera), dik il-persuna tista' tuża xbieki b'malju ta' mhux inqas minn 18mm għall-insib tal-ispeċi kollha permessi skont il-kondizzjonijiet taż-żewġ liċenzi, f'liema każ il-qies tal-ikbar xibka xorta ma jridx jaqbeż 38 metri kwadri.

L.S. 504.113

Dikjarazzjoni tal-istaġun tal-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa.

4. Għall-finijiet tat-tieni proviso tar-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu tal-istaġun għall-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa għandu jkun ta' massimu ta' tlieta u sebgħin (73) ġurnata bejn ix-xahar ta' Ottubru u x-xahar ta' Diċembru tal-istess sena li fiha l-Ministru jista' jiddeċiedi li għandu jkun miftuħ l-istaġun għall-insib tal-għasafar tal-għana fil-Ħarifa bil-pubblikazzjoni ta' avviż fil-Gazzetta:

Iżda meta jiddikjara l-istaġun għall-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa, il-Ministru għandu jistabbilixxi li m'hemmx soluzzjoni oħra sodisfaċenti skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, u għandu ukoll jieħu konsiderazzjoni taż-żamma tal-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernata f'livell sodisfaċenti kif ukoll jikkonsidra l-limiti stabbiliti fl-Iskeda II:

Iżda ukoll, meta jistabbilixxi l-perjodu tal-istaġun għall-insib tal-għasafar tal-għana fil-Ħarifa, il-Ministru għandu jistabbilixxi l-kwota komplessiva għall-istaġun għal kull waħda mill-ispeċi tal-għasafar tal-għana kif ukoll il-kwota individwali għall-istaġun għal kull liċenza, u għandu ukoll jiddeċiedi jekk jistabbilixxix il-kwota individwali għal kull jum għal kull liċenza, li għandha tkun permissibbli għal dik id-deroga li tiftaħ l-istaġun għall-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa.

Liċenza għall-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa.

5. (1) L-insib għall-għasafar tal-għana waqt staġun għall-insib fil-Ħarifa huwa projbit ħlief meta jsir bil-liċenza għall-insib fil-Ħarifa għall-għasafar tal-għana maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Liċenzi għall-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa li jistgħu jinħarġu taħt dawn ir-regolamenti għandhom jinħarġu mal-ħlas ta' dritt stabbilit mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

(3) Ma tista' tinħareġ l-ebda liċenza għall-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa fil-konfront ta' persuna taħt dawn ir-regolamenti sakemm dik il-persuna m'hijiex fil-pussess ta' *Carnet de Chasse* validu, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, u tal-post tal-insib minn fejn dik il-persuna tkun ser tonsob, b'kull mansab immarkat individwalment u approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u reġistrat mal-Kummissarju tal-Pulizija.

Approvazzjoni tas-sit minn fejn isir l-insib.

(4) It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għandha tapprova sit minn fejn isir l-insib jekk dawn il-kondizzjonijiet huma milħuqa:

(a) l-imnasab ma jkunux f'żona protetta;

(b) ma tistax issir reġistrazzoni ta' aktar minn żewġ stazzjonijiet minn fejn isir l-insib minn nassab u kull stazzjon ma jistax ikollu aktar minn żewġ (2) mnasab sa massimu ta' 38 metri kwadri għal kull xibka.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(5) Applikazzjoni għal-liċenza għall-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa għandha tiġi sottomessa fil-perjodu stabbilit għal dan l-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

Validità tal-liċenzja għall-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa.

6. (1) Liċenza għall-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa għandha tkun valida biss għall-perjodu li fih huwa permess l-insib għall-għasafar tal-għana waqt staġun għall-insib għall-għasafar tal-għana.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), liċenza għall-insib għall-għasafar tal-għana għandha:

(a) tkun sospiża minnufih meta l-persuna bil-liċenza tiġi akkużata b'reat skont ir-regolament 27 tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi; u

(b) tkun revokata fejn il-persuna bil-liċenza tinstab ħatja ta' reat skont ir-regolament 27 tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi; u

(ċ) tiskadi u titqies bħala revokata hekk kif il-Ministru jiddikjara li ntlaħqet il-kwota komplessiva għall-istaġun tal-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa. Il-persuni kollha bil-liċenza għandhom jiġu infurmati minnufih dwar din l-iskadenza u revoka tal-liċenza għall-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa permezz tas-servizz ta' messaġġi bil-miktub (SMS) fuq in-numru indikat minn dik il-persuna fl-applikazzjoni għal-liċenza għall-insib fil-Ħarifa:

Iżda meta tintlaħaq il-kwota għal xi waħda jew aktar mill-għasafar tal-għana, il-liċenza għall-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa għandha tiskadi u titqies bħala revokata fir-rigward tal-insib fuq dik l-ispeċi biss hekk kif il-Ministru jiddikjara li ntlaħqet il-kwota komplessiva għall-istaġun tal-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa għal dik l-ispeċi u l-istaġun għandu jibqa' miftuħ fir-rigward tal-ispeċi l-oħra. Il-persuni kollha bil-liċenza għandhom ukoll jiġu infurmati minnufih dwar din l-iskadenza u revoka parzjali tal-liċenza permezz tas-servizz ta' messaġġi bil-miktub (SMS) fuq in-numru indikat minn dik il-persuna fl-applikazzjoni għal-liċenzja għall-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa:

Iżda ukoll il-persuna bil-liċenza għandha, immedjatament kif tirċievi messaġġ bil-miktub (SMS) li jiddikjara din ir-revoka parzjali, tneħħi mill-istazzjon minn fejn isir l-insib, it-taħrik u għajat kollu li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-ispeċi u m'għandhiex tuża taħrik u għajat ta' dik l-ispeċi għall-bqija tal-istaġun.

VERŻJONI ELETTRONIKA

X'għandu jkun fiha l-liċenza.

7. Kull liċenza għall-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa maħruġa skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha:

Staġun tal-insib fil-Ħarifa.

(a) tispeċifika d-dati tal-istaġun tal-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa;

Ħinijiet li fih ma jistax isir insib.

(b) tispeċifika li ma jista' jsir l-ebda insib minn sagħtejn wara nżul ix-xemx sa sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara;

Żoni protetti.

(ċ) tipprovdi li ma jista' jiġi permess l-ebda insib f'żoni protetti;

Insib fuq siti approvati.

(d) tispeċifika li l-insib għall-għasafar tal-għana għandu jsir biss f'dawk is-siti li huma approvati għal dak l-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi;

Daqs tax-xibka u daqs tal-malji.

(e) tispeċifika li kull nassab jista' juża biss mhux aktar minn żewġ (2) stazzjonijiet minn fejn isir l-insib reġistrati mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u li kull stazzjon minn fejn isir l-insib m'għandux ikollu aktar minn żewġ (2) mnasab minn dura waħda b'malji tax-xibka mhux inqas minn 18mm u b'daqs totali ta' mhux aktar minn 38 metri kwadri għal kull xibka, ukoll jekk in-nassab għandu fil-pussess tiegħu liċenza speċjali maħruġa skont it-termini tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera);

L.S. 504.113

Stazzjon wieħed minn fejn isir l-insib.

(f) tipprovdi li persuna bil-liċenza tista' topera biss stazzjon wieħed minn fejn isir l-insib f'kull ħin;

Mnasab.

(g) tipprovdi li l-persuna bil-liċenza tuża biss mnasab bi xbieki tradizzjonali u selettivi li jikkonsistu f'żewġ xibkiet paralleli mifruxa ċatti mal-art li jaqbdu l-għasafar billi jinqelbu fuq xulxin mal-art, u li jiġu kkargati, meqluba u mrodda biss mill-bniedem mingħajr l-użu ta' mezzi ta' saħħa esterna, inklużi mezzi elettriċi, elettroniċi, jew mekkaniċi;

Mnasab għandhom jitħallew skargati.

(h) tispeċifika li l-imnasab għandhom jitħallew skargati u kompletament ċatti mal-art fil-ħinijiet kollha li fihom ma jkunx permess l-insib, u meta jagħlaq l-istaġun tal-insib fil-Ħarifa jiżżarmaw u jitneħħew minn fuq il-post:

Iżda meta x-xbieki jkunu skargati u mpoġġija kompletament ċatti mal-art, il-persuna bil-liċenza għandu jieħu dawk il-miżuri kollha biex jaċċerta ruħu li ma jista' jkun hemm l-ebda speċi li aċċidentalment tinqabad fix-xbieki meta ma jkunux attivi;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) tispeċifika l-kwota komplessiva għall-istaġun tal-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa bħala l-għadd totali ta' għasafar li jista' jsir insib għalihom taħt l-awtorità tal-liċenzji kollha maħruġa meħudin flimkien: Kwota nazzjonali.

Iżda l-għadd totali ta' kull speċi ta' għasafar tal-għana li fuqhom jista' jsir l-insib matul l-istaġun tal-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa għandu jiġi stabbilit mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta bl-użu tal-figuri li jidhru fl-Iskeda II bħala bażi u waqt illi jitqies l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi partikolari u ż-żamma tal-popolazzjoni tal-ispeċi fuq livell sodisfaċenti;

(j) tispeċifika l-kwota komplessiva għall-istaġun tal-insib għall-għasafar tal-għana għal kull liċenza, u għal kull ġurnata, iżda biss jekk tali kwoti għal kull ġurnata jkunu ġew stabbiliti mill-Ministru skont ir-regolament 4; Kwota individwali.

(k) tipprovdi li n-numru totali ta' għasafar tat-taħrik u għajat f'kull stazzjon minn fejn isir l-insib m'għandux jaqbeż il-wieħed u għoxrin (21) għasfur tal-għana u, jew ibridi irrispettivament min-numru ta' persuni li għandhom il-liċenza reġistrati fuq l-istess stazzjon u tipprovdi ukoll li l-istazzjon minn fejn isir l-insib m'għandux ikollu aktar minn total ta' seba' (7) għasafar tat-taħrik u għajat mill-istess speċi ta' għasfur tal-għana u, jew ibridi tagħhom; Taħrik u għajat.

(l) tipprovdi li bla ħsara għall-paragrafu (k), għasfur tal-għana u, jew ibridu tiegħu jista' jintuża biss bħala għajat jew taħrik jekk ikollu ċurkett magħluq, jew ċurkett li jintuża darba biss kif approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għal dak l-għan; Ċurkett magħluq.

(m) teħtieġ lill-persuna li jkollha liċenza sabiex, hekk kif għasfur tal-għana jinqabad, tlibbes ċurkett li jintuża darba biss kif approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi ma' sieq l-għasfur u immedjatament tirrapporta dik il-qabda fuq numru indikat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għal dak il-għan, u sabiex timla l-*Carnet de Chasse* b'tali dettalji qabel ma titlaq minn fuq il-post tal-insib; Ċrieket li jitlibbsu darba biss u l-obbligu li tirrapporta il-qbid.

(n) tipprovdi li l-persuna li jkollha liċenza għandha tirrapporta lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi kull qbid ta' għasafar li jkollhom ċurkett hekk kif dawn l-għasafar jiġu maqbuda u rilaxxati immedjatament lura minn fuq l-istess post tal-insib; Għasafar b'ċurkett xjentifiku.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Għasafar protetti.

L.S. 504.113

(o) tipprovdi li l-insib tal-għasafar, ħlief għasafar tal-għana, ikun strettament projbit ħlief jekk il-persuna bil-liċenza tkun ukoll fil-pussess ta' liċenza għall-insib tal-Malvizz u Pluviera maħruġa skont ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera) u ma tkunx għadha laħqet il-kwoti taħt dik il-liċenza;

Rilaxx ta' għasafar fis-selvaġġ.

L.S. 504.113

(p) teħtieġ li kull għasfur li mhux imniżżel fl-Iskeda I li jkun inqabad aċċidentalment minn-nassab, għandu jitħarrab immedjatament lura fis-selvaġġ, ħlief jekk l-għasfur li jinqabad ikun wieħed miż-żewġ speċi imniżżla fl-iskeda tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera) u dment li n-nassab huwa liċenzjat biex jonsob għal dawk iż-żewġ speċi u ma jkunx għadu laħaq il-kwoti taħt dik il-liċenza;

Carnet de Chasse, mapep u mezz ta' identifikazzjoni.

(q) teħteġ li l-*Carnet de Chasse*, il-mapep kif approvati mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u reġistrati mal-Kummissajru tal-Pulizija u mezz ta' identifikazzjoni għandhom jinżammu mill-persuna li għandha l-liċenza flimkien mal-liċenza maħruġa skont dawn ir-regolamenti f'kull ħin li l-persuna li għandha l-liċenza tkun qegħdha fis-sit minn fejn isir l-insib jew ikun ġej minn jew sejjer lejn is-sit minn fejn isir l-insib;

Projbizzjonijiet.

(r) tirriproduċi l-projbizzjonijiet previsti fir-regolamenti 18 u 20 tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, mingħajr preġudizzju għal kull projbizzjoni oħra stabbilita f'dawk ir-regolamenti;

Osservanza ta' kull restrizzjoni legali jew obbligu.

(s) teħtieġ li kull restrizzjoni legali jew obbligu, inklużi dawk tal-post, dati, ġranet, ħinijiet u l-kwoti kif ukoll il-kondizzjonijiet miktuba fil-liċenzja jiġu osservati strettament mill-persuna li għandha l-liċenzja;

Disposizzjonijiet tar-regolament 6.

(t) tirriproduċi d-disposizzjonijiet tar-regolament 6;

Daqs tal-gabjetti.

(u) tipprovdi li waqt l-istaġun miftuħ l-għasafar tal-għana/bgħula li jintużaw għall-għajat jew taħrik u l-għasafar tal-għana li jkunu inqabdu mis-selvaġġ m'għandhomx jinżammu ġo gabjetti inqas minn 190mm tul, 130mm wisa' u 120mm għoli.

Infurzar.

8. (1) Matul iż-żmien li jkun miftuħ l-istaġun tal-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa, il-Pulizija għandha tagħmel

VERŻJONI ELETTRONIKA

verifiki fuq il-post sabiex tiżgura li l-kondizzjonijiet u l-kontenut tal-liċenza, id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi jkunu qed jiġu osservati;

(2) Jekk xi uffiċjal tal-pulizija, waqt li jkun qiegħed jagħmel verifiki fuq il-post skont is-subregolament (1), isib raġuni suffiċjenti sabiex jittieħdu proċedimenti kontra xi persuna taħt dawn ir-regolamenti, jew regolamenti oħra rilevanti, dak l-uffiċjal għandu minnufih jieħu mill-pussess ta' dik il-persuna kull apparat tal-insib, il-*Carnet de Chasse*, il-liċenza għall-insib għall-għasafar tal-għana matul l-istaġun tal-Ħarifa, kull liċenza jew permess ieħor għall-insib u kull għasfur li jinstab fil-pussess ta' dik il-persuna bi ksur ta' dawn ir-regolamenti jew ta' regolamenti oħra applikabbli jew bi ksur tal-kondizzjonijiet ta' xi liċenza jew permess:

Iżda, għall-finijiet tal-infurzar tal-limiti msemmija fir-regolament 7(j) u l-obbligi previsti fir-regolament 7(m), l-għadd ta' għasafar stabbilit bir-regolament 7(k) biss jitqies bħala li huma għasafar għall-għajat u t-taħrik. Meta, waqt verifika fuq il-post, l-għadd ta' għasafar li jinstabu fil-pussess ta' persuna bil-liċenza jkun ogħla mill-għadd imsemmi, kull għasfur li jinstab li jkun ogħla mill-għadd imsemmi jitqies li jkun għasfur li jkun ġie maqbud mill-persuna bil-liċenza f'dik l-istess ġurnata, minkejja li dak l-għasfur jista' jkollu ċurkett li jintlibes darba biss skont ir-regolament 7(l).

(3) Fil-qadi ta' dmirijiethom skont dawn ir-regolamenti il-Pulizija jistgħu jkollhom l-għajnuna ta' marixxalli appuntati għal dak il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. Il-marixxalli hekk appuntati jkollhom l-istess dmirijiet u setgħat mogħtija lill-Pulizija bis-subregolamenti (1) u (2):

Iżda għal kull elf (1,000) persuna li għandha liċenza maħruġa skont dawn ir-regolamenti, għandu jkun hemm fuq ix-xogħol għall-inqas seba' (7) uffiċjali matul is-siegħat kollha li fihom ikun miftuħ l-istaġun għall-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa. Jekk ikun applikabbli, barra mill-imsemmija siegħat, għandu jkun hemm fuq ix-xogħol żewġ (2) uffiċjali tal-pulizija matul il-ħinijiet tad-dawl tax-xemx.

(4) Il-Pulizija, assistita mill-marixxalli kif jista' jkun meħtieġ, għandha tkompli twettaq verifiki fuq il-post għall-inqas għal ġimgħatejn wara li jkun intemm l-istaġun tal-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa, sabiex tipprevjeni l-insib illegali. Wara li jkun għalaq l-istaġun tal-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa, għal kull elf (1,000) liċenza għall-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa maħruġa dik is-sena, għandu jkun hemm fuq ix-xogħol għall-inqas

VERŻJONI ELETTRONIKA

tliet (3) uffiċjali tal-Pulizija matul il-ħinijiet tad-dawl tax-xemx.

Reati.

9. Kull persuna li tonqos milli tosserva xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew il-kontenut tal-liċenza, jew tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi ordni mogħtija leġittimament skont xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew xi waħda mill-kondizzjonijiet tal-liċenza għall-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-pieni stabbiliti bir-regolament 27 tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi:

Iżda fejn ir-reat huwa wieħed regolat bir-regolament 27A tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, dak ir-reat għandu jkun soġġett għall-proċeduri hemm imsemmija u għall-penali msemmija fl-Iskeda VIII tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi.

Riżerva.

10. Id-disposizzjonijiet u l-kondizzjonijiet msemmija f'dawn ir-regolamenti huma bla ħsara għar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux inkonsistenti ma' dawn ir-regolamenti, f'liema każ, u sal-limitu tal-inkonsistenza, dawn ir-regolamenti għandhom jgħoddu.

SKEDA I

Għasafar tal-Għana

	ISEM XJENTIFIKU	ISEM BIL-MALTI	ISEM BL-INGLIŻ
1.	*Carduelis cannabina*	Ġojjin	Linnet
2.	*Carduelis carduelis*	Gardell	Goldfinch
3.	*Carduelis chloris*	Verdun	Greenfinch
4.	*Carduelis spinus*	Ekra	Siskin
5.	*Coccothraustes coccothraustes*	Taż-Żebbuġ	Hawfinch
6.	*Fringilla coelebs*	Sponsun	Chaffinch
7.	*Serinus serinus*	Apparell	Serin

SKEDA II

Kwota

Meta jkun qed jiġi stabbilit in-numru totali ta' għasafar tal-għana li jista' jsir insib għalihom matul l-istaġun tal-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa, il-Ministru għandu jistabbilixxi l-kwota komplessiva f'mhux iżjed minn 1% mir-rata ta' mortalità totali ta' kull sena tal-popolazzjoni li tintuża għar-referenza ta' kull speċi fi ħdan it-territorju tal-Unjoni Ewropea fuq il-bażi tal-aħħar *data* xjentifika disponibbli fir-rigward ta' għasafar immarkati b'ċurkett li jindika minn fejn passew.

Iżda l-ogħla limitu għal kwota komplessiva għal deroga li tiftaħ l-istaġun tal-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa m'għandux, f'kull każ, jeċċedi dawn in-numri li ġejjin:

SPEĊI	KWOTA NAZZJONALI
Ġojjin	12,000
Gardell	800
Verdun	4,500
Ekra	2,350
Taż-Żebbuġ	500
Sponsun	5,000
Apparell	2,350

In-numri massimi fuq imsemmija jistgħu jiġu emendati mill-Ministru, b'avviż fil-Gazzetta, biex ikun hekk jista' jirrevedihom u jaġġornahom billi jqis l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi konċernati u ż-żamma tal-popolazzjoni tal-ispeċi fuq livell sodisfaċenti.